**4 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Domenico Bezzina pr. et ne.

*versus*

John Said

**Preskrizzjoni — Art. 2253 u 2254 tal-Kodiċi Ċivili**

*Skond l-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili, jaqgħu bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmientax il-xahar l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħolijiet tagħhom, jew tal-materjali li jfornu.*

*Skond l-art. 2254 tal-istess Kodiċi, mbgħad, jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra tal-injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu.*

*L-ewwel imsemmija dispożizzjoni tapplika għall-kredit tal-artefiċi li jipprestaw l-opra tagħhom, fil-waqt illi t-tieni preskrizzjoni tirriferixxi għall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xogħol — "opus" — mingħajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogħolijiet u mingħajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.*

*Min jeżerċita mpriża ta' inġinerija u jispekula fuq l-opra tal-impjegati tiegħu, u huwa ma jipprestax biss l-opra ("opera") tiegħu, imma jagħmel xogħol ("opus") konsistenti fit-*

*twaqqaf ta' oġġett taħt id-direzzjoni ta' espert estraneu, u jifforni l-materjal okkorrenti għat-twaqqif tal-istess oġġett (fil-każ preżenti l-oġġett kien "Merry-go-round"), jaqa' taħt id-dispożizzjoni fuq imsemmija fit-tieni lok.*

*Invokata waħda mill-preskrizzjonijiet partikulari kontemplati mill-liġi, l-Qorti ma tistgħax, jekk dik invokata tirriżulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikulari oħra li ma ġietx invokata.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur proprio et nomine talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £140, bilanċ ta' somma akbar dovuta għall-prezz ta' "Merry-go-round" mill-istess konvenut ordnata u lilu fornita u għal xogħolijiet magħmula, kif indikat fil-kont unit mal-istess att taċ-ċitazzjoni; liema kont il-konvenut ipprometta diversi drabi li jħallas. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Lulju 1957;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi d-dispożizzjoni tal-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili invokata mill-konvenut, li bis-saħħa tagħha jaqgħu bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmientax il-xahar l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħolijiet tagħhom, jew tal-materjali li jfornu, mhix applikabbli għal dawk li jeżerċitaw impriża, għal kreditu tagħhom għall-opri minnhom eżegwiti u għall-materjali li jfornu. Għal dawn il-krediti hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn stabbilita fl-art. 2254 tal-istess Kodiċi ċitat, fejn jingħad illi jaqgħu bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn l-azzjonijiet tal-bennejja tal-bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra tal-injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu. Dan għaliex id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 2253 tirriferixxi għall-krediti ta' artefiċi li jipprestaw l-opera tagħhom, fil-

waqt illi d-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 2254 tirriferixxi għall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xogħol — "opus" — mingħajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogħolijiet u mingħajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet;

Illi l-attur jeżerċita impriża ta' inġinerija u jispekula fuq l-opra tal-impjegati tiegħu, u huwa ma pprestax biss l-opra ("opera") tiegħu għall-konvenut, imma għamillu xogħol ("opus") konsistenti fit-twaqqif tal-oġġett indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, taħt id-direzzjoni ta' espert estraneu, u fformixxa l-materjal okkorrenti għat-twaqqif ta' dak l-istess oġġett; u għalhekk, għall-kreditu tiegħu għal dak ix-xogħol hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fiċ-ċitat artikolu 2254 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux dik ta' tmientax il-xahar invokata mill-konvenut, li toħroġ mid-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 2253 tal-istess Kodiċi;

Illi tkun inutili kull indaġini biex wieħed jara jekk l-odjerna azzjoni tal-attur waqgħetx jew le bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn, billi din il-preskrizzjoni ma ġietx invokata mill-konvenut; u għaliex, invokata waħda mill-preskrizzjonijiet partikulari kontemplati fis-subtitolu IV § II tal-Kodiċi ċitat, il-Qorti ma tistgħax, jekk dik invokata tirriżulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni oħra partikulari li ma tkunx ġiet invokata;

Għall-motivi premessi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.